

Brussell, 19 ta' Jannar 2018  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0005 (CNS)**

---

---

5335/18  
ADD 3

FISC 21  
ECOFIN 33  
IA 24

## PROPOSTA

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Jannar 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2018) 8 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĪDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d- Direttiva 2006/112/KE dwar ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2018) 8 final.

Mehmuż: SWD(2018) 8 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 18.1.2018  
SWD(2018) 8 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Direttiva tal-Kunsill**

**li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud**

{COM(2018) 20 final} - {SWD(2018) 7 final}

<b>Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv</b>
<b>Valutazzjoni tal-impatt dwar ir-rati tal-VAT</b>
<b>A. Il-ħtieġa li tittieħed azzjoni</b>
<b>Għaliex? X'inhom l-problema li qiegħda tiġi indirizzata?</b>
Meta s-sistema komuni tal-VAT ġiet stabbilita fl-1967, sar impenn biex tiġi stabbilita sistema definittiva tal-VAT abbażi tal-prinċipju ta' tassazzjoni fl-Istat Membru ta' oriġini. Bil-ħolqien tas-suq uniku fl-1993 inżammet il-mira tal-introduzzjoni ta' sistema tal-VAT ibbażata fuq l-oriġini u daħlu fis-seħħ l-arranġamenti ta' tranżizzjoni tal-VAT flimkien mar-regoli attwali dwar ir-rati tal-VAT. Il-proposta dwar is-sistema definittiva tabbanduna din il-mira u tipprevedi l-implimentazzjoni ta' sistema definittiva tal-VAT ibbażata fuq it-tassazzjoni fl-Istat Membru ta' destinazzjoni. Madankollu, ir-regoli attwali dwar ir-rati tal-VAT għadhom konsistenti ma' sistema bbażata fuq l-oriġini u huma restrittivi żżejjed għal sistema tal-VAT ibbażata fuq id-destinazzjoni. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet speċjali li jippermettu li ċerti Stati Membri jidderogaw mir-restrizzjonijiet se jiskadu bid-dħul fis-seħħ tas-sistema definittiva tal-VAT.
<b>X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?</b>
L-inizjattiva tistabbilixxi minimu permanenti tar-rata standard tal-VAT ta' 15 %. F'sistema definittiva tal-VAT se jinkiseb trattament indaqs tal-Istati Membri u dawn tal-aħħar ma jibqgħux jiċċaħdu milli japplikaw rati mnaqqsa għal ċerti oġġetti u servizzi, jekk ma jkunx hemm riskju ta' distorsjoni għall-funzjonament tas-suq uniku.
<b>X'inhom l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?</b>
Ir-rekwiżiti tas-sussidjarjetà tal-Artikolu 113 tat-TFUE huma implimentati fid-Direttiva tal-VAT.
<b>B. Soluzzjonijiet</b>
<b>X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?</b>
Ġew ikkunsidrati żewġ għażliet ta' politika, u t-tnejn jeħtieġu bidla fid-Direttiva tal-VAT u li l-minimu ta' 15 % għar-rata standard tal-VAT isir permanenti. L-għażla 1 għandha l-għan li tagħti d-derogi eżistenti lill-Istati Membri kollha billi tintegra d-dispożizzjonijiet nazzjonali fid-Direttiva tal-VAT, iżda madankollu dan huwa diffiċli li jinkiseb. L-għażla 2 ippreferuta ssolvi l-problema tad-derogi billi tabolixxi r-restrizzjonijiet li ħolqu l-ħtieġa għat-tali derogi, jiġifieri l-minimu ta' 5 % tar-rati mnaqqsa tal-VAT u l-lista ta' oġġetti u servizzi li għalihom jistgħu jiġu applikati rati mnaqqsa tal-VAT (l-Anness III), li se tiġi sostitwita b'lista negattiva li għaliha trid tapplika r-rata standard.
<b>Liema għażla u min jappoġġaha?</b>
L-Istati Membri u dawk li wiegħbu għall-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa jappoġġaw it-trattament indaqs tal-Istati Membri.
<b>C. Impatti tal-għażla ppreferuta</b>
<b>X'inhom l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhom dawk ewlenin)?</b>
L-għażla ppreferuta tneħħi r-restrizzjonijiet li kellhom l-Istati Membri li ma għadhomx iġġustifikati f'tassazzjoni bbażata fuq id-destinazzjoni u ttiprovdni soluzzjoni għall-iskadenza tad-derogi.
<b>X'inhom l-ispejjeż tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhom dawk ewlenin)?</b>
L-għażla ppreferuta teħtieġ salvagwardji biex tevita r-riskji potenzjali.
<b>Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?</b>
Ir-riskju li jiżdiedu l-ispejjeż ta' konformità li jirriżultaw minn kumplessità akbar se jiġi limitat billi tiġi pprovduta informazzjoni għall-operaturi dwar ir-rati tal-VAT ibbażati fuq klassifikazzjoni statistika f'portal web modifikat.
<b>Se jkun hemm impatt sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?</b>
L-Istati Membri se jkomplu jiddeterminaw kwalunkwe impatt fuq il-baġit. L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-rati mnaqqsa tal-VAT jew it-tnaqqis tar-rati mnaqqsa tal-VAT mingħajr miżuri ta' kumpens inaqqas id-dħul mill-VAT.
<b>Se jkun hemm xi impatti sinifikanti oħra?</b>
Ir-riskju ta' żieda fil-litigazzjoni jista' jkun konsegwenza ta' aktar flessibilità għall-Istati Membri.
<b>D. Segwitu</b>
<b>Meta se tiġi rieżaminata l-politika?</b>
Qabel id-dħul fis-seħħ tas-sistema definittiva tal-VAT se jiġi rieżaminat l-Anness III u wara d-dħul fis-seħħ il-lista negattiva tkun teħtieġ rieżami regolari.